**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 26 ta' Marzu, 2025**

Numru 9

**Appell Nru. 63/2024**

**Charles Camilleri**

**vs**

**L-Awtorita' ghall-Ambjent u Rizorsi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Charles Camilleri tal-5 ta' Novembru 2024 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-17 ta' Ottubru 2024 fir-rigward ta' pettizzjoni maghmul fir-rigward tal-invoice mahrug mill-ERA fil-konfront tal-petizzjonanti fl-ammont ta' €75,000 – ERA/2023/08808-OWK/19/20;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Il-ligi n mertu li huwa wiehed specjali tiddikjara hekk:
5. The Environment and Planning Review Tribunal shall examine petitions received by it and shall only accede to a petition in part or in whole when there are impelling reasons for it to do so, such as:
(a) humanitarian reasons attenuating the circumstances relating to the commission of the scheduled offence; and
(b) when the issue of the charge or of the notice under article 86(14) of the Environment and Development Planning Act or the nature thereof is manifestly unjust and, or oppressive, and, or manifestly disproportionate considering the nature and facts of the case

Ghalhekk it-Tribunal irid jara jekk kienx hemm (testwalment skond il-test malti) raġunijiet forzanti biex ikun jista ihassar il-multa in toto jew in parti. Biex jaghmel hekk irid jezamina jekk hemmx (fost ohrajn) raġunijiet umanitarji li jattenwaw iċ-ċirkostanzi u fil-każ meta s-suġġett tal-akkuża jew tal-avviż jkun manifestament inġust u, jew oppressiv, u, jew manifestament sproporzjonat meta jitqiesu n-natura u tal-fatti tal-każ.

L-Ordni in mertu OWK 19/20 harget konformi mal-Ligi, giet notifikata u ma gietx appellata. Ghaldaqstant dwar il-mertu tal-Ordni ma' hemmx kontestazzjoni. Din l-Ordni kienet tghid li kien hemm Dhul ta' skart inert minn barra s-sit, ghal skop ta' immanigjar u riciklagg tal-istess skart u depozitu ta' camura fis-sit minghajr il-permess mehtieg milligi. L-Ordni kienet cara kemm bhala kontenut u kif ukoll bhala procedura li ghandu jsegwi min jircievi l-Ordni.

Il-kwistjoni hija dwar fatti u jekk si tratta ta' kaz fejn dan it-Tribunal jara jekk hemm xi fatti li jistghu jwasslu ghal temperament favur il-petizzjonant.

Irid jinghad in primis illi Ordni bhal dik in mertu OWK 19/20 tinhareg sabiex jigi protett sit minn ksur ambjentali. L-Onor. Qorti tal-Appell f'kas li jirrigwarda hrug ta' Avviz u ta' Twettieq kienet iddikjarat f'sentenza moghtija fis-7 ta' Mejju, 2014 fl- Appell Civili Numru. 57/2013 Francis Cachia Caruana vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u lIppjanar illi L-iskop wara enforcement order hu primarjament il-protezzjoni tas-sit u mhux l-individwu fl-interess tas-socjeta. Dan ir-ragument naturalment japplika mutatis mutandis anki fil-kaz ta' hrug ta' Ordni bhal dik in mertu.

Il-petizzjonant kellu tul ta' zmien mhux hazin sabiex jirranga s-sit relattiv. Irid jinghad li l-petizzjonant kellu d-dritt li jappella mill-Ordni. Dan l-Appell qatt ma sar u ghaldaqstant din ukoll hija konferma tal-illegalita' u l-posizzjoni tal-petizzjonant hi semplicement li accetta l-Ordni. Gjaladarba accetta l-Ordni d-dmir tieghu kien li jmexxi kemm jista jkun malajr sabiex il-ksur ambjentali jigi sanat jew trangat. Din kienet haga fil-parametri fattwali tal-petizzjonat. Ghazel li ma jaghmilx hekk. Ma jistax illum jilmenta li kien hemm xi elementi ta' ingustizzja jew sproporzjonalita' . Ma jirrizultax bhala fatt li kien hekk.

Ta' min izid illi l-multa relattiva giet imwaqqfa fil-massimu ta' €75,000 skond il-ligi.

Tenut kont primarjament tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-fuq riferita sentenza li b'mod l-aktar skjett tiddikjara x'inhu l-ghan tax-xoghol tal-Awtorita it-Tribunal jara li ma jistax jilqa l-petizzjoni.

Il-Petizzjoni hija ghaldaqstant michuda.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti u ligi meta warrab il-fatt li l-illegalita li ghaliha giet imposta l-multa tnehhiet mill-appellant. L-appellant jirreferi ghall-artikolu 5A tal-L.S. 549.72 (Regolament dwar multa ghal kull gurnata rigward l-ambjent). It-Tribunal kellu jikkonsidra jekk kienx hemm fatturi li jimmilitaw ghal

temperament fil-multa u minflok zbaljatament ikkunsidra li la darba l-petizjonant ma appellax mill-ordni, allura accetta l-konsegwenzi. Ma qies dak li tghid il-ligi li l-multa tista' tigi imnaqqsa f'kaz ta' sejba umanitarja, ingustizzja manifesta jew oppressiva jew nuqqas ta' proporzjonalita tenut kont tan-natura u fatti tal-kaz, specjalment f'kaz bhal dan meta inghata multa massima. Izid li ma kienx hemm smigh biex l-appellant iressaq is-sottomissjonijiet tieghu kif lanqas gie notifikat bir-risposta tal-Awtorita ghal petizzjoni li ghamel.

Il-Qorti tqis l-aggravju infondat. Hu minnu li l-petizjonant ma appellax mill-ordni ta' waqfien tal-21 ta' Awwissu 2020 li gie notifikat biha. Ifisser li kien jaf li hemm ordni ghal dhul ta' skart inert minn barra s-sit ghal skop ta' immaniggar u riciklagg tal-istess skart u depozitu ta' camura bla permess. Hu ghalhekk accetta li saret l-illegalita. Hu fatt ukoll li bl-ittra tal-Awtorita tal-5 ta' April 2023, jinghad li l-illegalita tnehhiet ghax inhareg permess fuq is-sit fit-3 ta' Marzu 2023. Il-petizjonant ma jidher li ressaq ebda prova fil-petizjoni li turi li l-illegalitajiet tnehhew qabel din id-data. Din kienet prova li tmiss lilu li jressaqha jekk jikkontendi li hemm raguni ghal mitigazzjoni tal-multa mit-Tribunal skont regolament 5A tal-L.S. 549.72. Bla ebda prova jew indikazzjoni cara ta' raguni ghaliex il-multa kellha tigi mnaqqsa skont ir-ragunijiet li tipprovdi l-legislazzjoni sussidjarja msemmija t-Tribunal ma kellux raguni ghaliex inaqqas il-multa ta' kuljum ghal granet kollha tal-illegalita sal-massimu tal-multa li tippermetti l-ligi. In kwantu ghas-smigh xieraq li l-petizjonant iqis li gie mittiefes fil-konfront tieghu, jinghad li ma jista jinvoka ebda nuqqas meta hu ma ippruvax b'mod tangibbli prova dwar jekk u meta fil-fatt tnehhiet l-illegalita qabel l-ghoti tal-permess.

In-nuqqas fl-imgieba tal-petizjonant fil-process kollu mill-hrug tal-ordni sal-hrug tal-permess ma jistax ibati ghalih it-Tribunal meta n-nuqqas ma kienx tat-Tribunal li jaghtih widen izda n-nuqqas tieghu li jressaq imqar prova wahda ragjonevoli li biha seta jressaq sottomissjoni valida ghat-tnaqqis tal-multa. Jidher mhux kontestat li ma gietx notifikata r-risposta tal-Awtorita ghal petizjoni tieghu u l-Qorti tqis li l-imgieba korretta f'kull procedura gudizjarja jew kwazi gudizjarja hi li kull parti tkun taf dak li l-parti l-ohra qed tghid fil-vertenza. B'danakollu t-Tribunal mhux marbut b'xi regoli specifici ghal konsiderazzjoni tal-petizjonijiet u f'kaz fejn ma jkun sar ebda tentattiv konkret ta' gustifikazzjoni ghat-tnaqqis tal-multa fil-petizjoni, it-Tribunal ikun uza sew

id-diskrezzjoni mhollija lilha u ma jkunx jista’ jsir ebda lment ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq. Il-fatti li huma a konoxxenza tal-Qorti f’dan il-kaz ma jhallux dubju ragonevoli li l-petizjonant ghandu jinghata xi ragun fl-appell.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-appell ta’ Charles Camilleri u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-17 ta’ Ottubru 2024. Spejjez ghall-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur